4) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament Delegat 2016/161 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-barcode li jkun fih l-identifikatur uniku fis-sens tal-Artikolu 3(2)(a) tal-istess regolament delegat, għandu jiġi stampat direttament fuq l-imballaġġ, b'tali mod li t-tqegħid minn bejjiegħ mill-ġdid parallel tal-identifikatur uniku permezz ta' tikketta addizzjonali esterna fuq l-imballaġġ ta' barra oriġinali ma jissodisfax l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Delegat 2016/161?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69.
(2) ĠU 2016, L 32, p. 1.

---

**Appell ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2020 mir-Repubblika tal-Litwanja mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-22 ta' Jannar 2020 fil-Kawża T-19/18, Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-153/20 P)**

(2020/C 215/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Partijiet**

*Appellanti:* Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: R. Dzikovič, K. Dieninis)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, ir-Repubblika Ċeka

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Jannar 2020 fil-Kawża T-19/18 Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni, EU:T:2020:4, li permezz tagħha hija ċaħdet ir-rikors tar-Repubblika tal-Litwanja tad-19 ta' Jannar 2018 għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2014 tat-8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR);

— tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali jew inkella tiddeċiedi hija stess il-kawża abbażi tal-motivi prodotti fl-appell u tagħti sentenza finali fuq l-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2014 tat 8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR);

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Ir-Repubblika tal-Litwanja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-19/18 ("is-sentenza appellata") u tinvoka s-segwenti aggravji:

(1) interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament Nru 65/2011 [1] u nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li tingħata motivazzjoni għal sentenza peress li l-Qorti Ġenerali, meta ddeċidiet fil-paragrafi 61 sa 80 tas-sentenza appellata fuq il-kriterji applikati sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-rikorrenti kellhomx l-istatus ta' SMEs, ma pprovdietx b'mod ċar u mhux ambigwu għal motivi għas-sentenza tagħha;

(2) ksur tal-Artikolu 256(2) TFUE u tal-prinċipju ta' ċertezza legali, peress li fil-paragrafi 81 sa 90 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali iddeċidiet dwar l-effettività tal-monitoraġġ ta' proġetti b'riskju għoli b'mod li jmur kontra ta' dak li ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja f'kawżi simili preċedenti, u evalwazzjoni żbaljata tal-provi, peress li fil-paragrafi 88 sa 92 tas-sentenza appellata hija naqset milli tistabbilixxi l-fatti b'mod korrett;

(3) interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 65/2011 u żnaturament tas-sens ċar tal-provi sa fejn il-Qorti Ġenerali, meta ddeċidiet fil-paragrafi 178 sa 188 tas-sentenza appellata dwar il-kriterji ta' kwalità tal-verifiki fuq il-post, ipprovdiet għal motivi kontradittorji, u b'hekk estendiet b'mod mhux iġġustifikat l-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 65/2011, u fil-paragrafi 181 u 191 tas-sentenza appellata hija wettqet żball fl-evalwazzjoni tal-provi;

(4) ksur tal-Artikoli 263 u 256 TFUE u evalwazzjoni żbaljata tal-provi peress li fil-paragrafi 195 sa 212 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma vverifikatx jekk l-informazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inadegwatezza tal-verifiki tan-nefqa tal-proġett kinitx preċiża, affidabbli u konsistenti, u dan huwa difett fl-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

---

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2011 tas-27 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, dwar l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll kif ukoll kundizzjonalità fir-rigward ta' miżuri ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali (ĠU 2011 L 25, p. 8).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court of the United Kingdom fis-6 ta' April 2020 – Zipvit Ltd vs Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs**

**(Kawża C-156/20)**

(2020/C 215/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Supreme Court of the United Kingdom.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Zipvit Ltd.

*Konvenuti:* Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs

**Domandi preliminari**

1) Meta (i) awtorità tat-taxxa, il-fornitur u l-operatur li huwa persuna taxxabbli jinterpretaw b'mod żbaljat il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-VAT u jittrattaw provvista, li hija taxxabbli bir-rata standard, bħala eżenti mill-VAT, (ii) il-kuntratt bejn il-fornitur u l-operatur jkun indika li l-prezz tal-provvista kien eżenti mill-VAT u jkun stabbilixxa li fil-każ li tkun dovuta l-VAT huwa l-operatur li għandu jħallasha, (iii) il-fornitur qatt ma jitlob u ma għadx jista' jitlob il-VAT addizzjonali dovuta mill-operatur, u (iv) l-awtorità tat-taxxa ma tistax jew ma għadx tista' (permezz tal-operazzjoni ta' limitazzjoni) titlob mill-fornitur il-VAT li kienet dovuta, l-effett tad-Direttiva ([1]) huwa li l-prezz fil-fatt imħallas ikun jinkludi flimkien ammont nett dovut inkluża l-VAT eżiġibbli fuqu sabiex l-operatur jkun jista' jinvoka tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa skont l-Artikolu 168(a) tad-Direttiva bħala VAT li kienet fil-fatt "imħallsa" għal din il-provvista?